IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.1.2016
COM(2016) 25 final

2016/0010 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

MT MT

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet ta' din il-proposta

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta’ Diċembru 2014 isemmu “ħtieġa urġenti sabiex l-isforzi fil-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa jimxu 'l quddiem, kemm fil-livell globali kif ukoll tal-UE”. Minn Diċembru 2014, il-Kummissjoni malajr nediet l-ewwel passi lejn approċċ tal-UE. Fil-frattemp l-OECD iffinalizzat ix-xogħol tagħha fid-definizzjoni tar-regoli u l-istandards globali ta’ dawn l-għanijiet.

Din id-Direttiva temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE bħala parti mill-Pakkett Kontra l-Evitar tat-Taxxa tal-Kummissjoni, tindirizza l-prijorità politika tal-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u ppjanar aggressiv tat-taxxa. Din twieġeb ukoll għat-talbiet mill-Parlament Ewropew. Hija konformi wkoll mal-inizjattivi mħabbra fil-Pjan ta’ Azzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistema tat-Taxxa Korporattiva Aktar Ġusta (COM (2015) 302) sabiex jiġi indirizzat l-evitar tat-taxxa.

In-negozji tradizzjonalment qiesu l-ippjanar tat-taxxa bħala leġittimu għar-raġuni li huma jużaw arranġamenti legali sabiex inaqqsu l-obbligazzjonijiet tat-taxxa tagħhom. Madankollu, l-ippjanar tat-taxxa sar aktar elaborat fis-snin riċenti, hekk kif qiegħed jiżviluppa fil-ġurisdizzjonijiet kollha u qed imexxi il-profitti taxxabbli lejn stati li għandhom reġimi tat-taxxa li jagħtu aktar benefiċċji. Din il-forma "aggressiva" ta' ppjanar tat-taxxa tista’ tieħu diversi forom, pereżempju billi wieħed jieħu vantaġġ tat-teknikalitajiet ta’ sistema fiskali jew tad-diskrepanzi bejn żewġ sistemi fiskali jew aktar bl-iskop li jitnaqqas jew jiġu evitati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa. Il-konsegwenzi tagħha jinkludu t-tnaqqis doppju (eż. l-istess spiża titnaqqas kemm fl-Istat ta’ oriġini u kif ukoll fl-Istat ta’ residenza) u n-nontassazzjoni doppja (eż. dħul li mhuwiex intaxxat la fl-Istat ta' oriġini u lanqas fl-Istat ta’ residenza tal-benefiċjarju).

B'differenza mill-kumpaniji żgħar u medji jew kontribwenti individwali, il-Gruppi Multinazzjonali ta' Intrapriżi (MNE) huma f'pożizzjoni li li tippermettitlhom jisfruttaw il-lakuni fil-liġijiet tat-taxxa nazzjonali u internazzjonali sabiex jittrasferixxu l-profitti minn pajjiż għall-ieħor biex il-kont tat-taxxa tagħhom jonqos.

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja globali tal-aħħar snin kienu għamlu lill-pubbliku konxju tal-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kontributuri kollha jħallsu s-sehem ġust tagħhom tal-pagamenti tat-taxxa. Dan għandu jirriżulta fi dħul tat-taxxa ogħla li għandu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-defiċits fis-settur pubbliku għall-benefiċċju ta' kulħadd.

F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet tat-taxxa jeħtieġu informazzjoni komprensiva u rilevanti dwar l-istruttura, il-politika tal-prezzar ta' trasferiment u t-tranżazzjonijiet interni mal-partijiet relatati tal-Gruppi MNE. Bil-għan li tiġġieled l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, din id-Direttiva timponi rekwiżiti ta' trasparenza fuq il-Gruppi MNE. Hija teħtieġ li l-Gruppi MNE jipprovdu kull sena, u għal kull ġurisidizzjoni tat-taxxa li jagħmlu negozju fiha, ċerta informazzjoni inkluż l-ammont ta' dħul, il-profitt qabel it-taxxa fuq l-introjtu, it-taxxa fuq l-introjtu mħallsa u dovuta, in-numru ta' impjegati, il-kapital iddikjarat, il-qligħ miżmum u l-assi tanġibbli. Din l-informazzjoni tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa jirreaġixxu għal prattiki dannużi tat-taxxa permezz ta' bidliet fil-leġiżlazzjoni jew valutazzjonijiet tar-riskju u verifiki tat-taxxa adegwati. Trasparenza akbar għandha wkoll tinċentiva l-Gruppi MNE sabiex jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxa fil-pajjiż fejn huma jsiru l-profitti.

Ir-rekwiżiti l-ġodda ta' trasparenza għandhom jiżguraw li l-piż amministrattiv impost fuq in-negozji huwa minimizzat. Il-Gruppi MNE tal-UE għandhom bħala prinċipju ma jkunux obbligati li jissottomettu l-informazzjoni lill-Istati Membri tal-UE kollha fejn huma joperaw, iżda lill-awtoritajiet tat-taxxa tar-residenza tagħhom biss. Id-Direttiva teħtieġ lill-Istati Membri, ladarba dawn ikunu rċevew ir-rapport pajjiż b'pajjiż, li jaqsmu l-informazzjoni mal-Istati Membri li fihom, abbażi tal-informazzjoni fir-rapport, il-kumpaniji tal-Grupp MNE huma jew residenti għal skopijiet ta' taxxa, jew huma soġġetti għat-taxxa fir-rigward tan-negozju mwettaq permezz ta' stabbiliment permanenti.

Sabiex ikun żgurat bilanċ xieraq ta' piż tar-rapportar u l-benefiċċju għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa, il-Gruppi MNE biss bi dħul tal-grupp konsolidat totali daqs jew aktar minn EUR 750 000 000, sejrin ikunu obbligati li jissottomettu r-rapport pajjiż b'pajjiż. Skont l-istimi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), madwar 85 sa 90 fil-mija tal-gruppi MNE sejrin jiġu esklużi mir-rekwiżit, iżda r-rapport pajjiż b'pajjiż madankollu sejjer jiġi ppreżentat minn gruppi MNE li jikkontrollaw madwar 90 fil-mija tad-dħul korporattiv.

Issa aktar minn qatt qabel, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri hija kruċjali sabiex jiġu indirizzati l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprovdi għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, u tistabbilixxi serje ta' strumenti sabiex tgħinhom jikkoperaw fil-ġbir tad-dħul dovut tagħhom, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni. Madankollu, l-UE teħtieġ li tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni sabiex ikun żgurat il-funzjonament xieraq tas-Suq Intern fir-rigward tad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Id-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE[1] kienet l-ewwel tweġiba għall-ħtieġa tal-Istati Membri għal assistenza reċiproka msaħħa fil-qasam tat-tassazzjoni. Hija nbidlet bid-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE[2] (DAC) li kienet maħsuba biex iżżid l-effettività tad-Direttiva preċedenti. Fi snin reċenti, id-Direttiva ġiet emendata bid-Direttiva 2014/107/UE (DAC2) u bid-Direttiva UE 2015/2376 (DAC3) li tipprovdi lill-awtoritajiet tat-taxxa b'aktar strumenti li jindirizzaw il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, fil-qasam ta' kontijiet finanzjarji, deċiżjonijiet tat-taxxa u arranġamenti tal-ipprezzar minn qabel.

L-għan ta' din il-proposta preżenti huwa li tiżgura li d-Direttiva 2011/16/UE tkompli tipprovdi għall-kooperazzjoni amministrattiva komprensiva u effettiva bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa billi tipprovdi għall-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni dwar ir-rapporti pajjiż b'pajjiż.

Din id-Direttiva hija konformi mal-iżviluppi internazzjonali. Fil-5 ta' Ottubr 2015 l-OECD ippreżentat r-rapporti finali tagħha dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt (BEPS) li huwa inizjattiva ewlenija għall-modifikazzjoni tar-regoli tat-taxxa internazzjonali eżistenti. Fil-15 u 16 ta' Novembru 2015 il-pakkett OECD ġie approvat wkoll mill-mexxejja tal-G20. Il-ħidma dwar l-Azzjoni 13 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-OECD dwar il-BEPS wasslet għal sett ta' standards biex jipprovdu informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet tal-prezzar ta' trasferiment tal-Gruppi MNE, inkluż il-fajl ewlieni, il-fajl lokali u r-rapport pajjiż b'pajjiż. Id-Direttiva tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni fl-Unjoni tar-rapport pajjiż b'pajjiż.

Ħafna mill-Istati Membri, fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-OECD, impenjaw ruħhom li jimplimentaw ir-riżultati li jinsabu fir-Rapporti Finali dwar il-15-il Azzjoni kontra l-BEPS.

[1] ĠU L 336, 27.12.1977, p. 15.

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

Huwa għalhekk essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern li l-Istati Membri jittrasponu l-impenji politiċi taħt il-BEPS fis-sistemi nazzjonali tagħhom b'mod koerenti u koordinat b'mod suffiċjenti. Din għandha tkun it-triq 'il quddiem sabiex jiġu mmassimizzati l-effetti pożittivi għas-Suq Intern kollu. Jekk le, l-implimentazzjoni unilaterali tal-BEPS tirriskja konflitti dwar il-politika nazzjonali u ostakoli ġodda fis-Suq Intern, li jkomplu jiġu frammentati fi 28 parti kostitwenti u ssofri minn diskrepanzi u distorsjonijiet oħra.

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tikseb ċertu grad ta' uniformità fl-implimentazzjoni tal-Azzjoni 13 tal-BEPS madwar l-UE. Id-Direttiva għandha l-ħsieb ukoll li trawwem il-kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi tan-negozju differenti u finalment biex tipproteġi l-bażi tat-taxxa tal-Istati Membri.

Il-proposta tfasslet speċifikament sabiex tippermetti l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar ir-rapportar pajjiż b'pajjiż sabiex tibni fuq ir-regoli eżistenti fid-Direttiva 2011/16/UE dwar l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni inkluż l-użu ta' formoli standard.

L-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel din il-proposta għall-AEOI dwar ir-rappurtar pajjiż b'pajjiż huwa rifless fil-Programm ta' Ħidma 2016 tal-Kummissjoni.[3]

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika**

Il-Pakkett dwar It-Trasparenza Fiskali COM (2015) 136)

Il-Pakkett fih żewġ elementi ewlenin: (i) proposta sabiex tintroduċi l-AEOI bejn l-Istati Membri dwar id-deċiżjonijiet tat-taxxa tagħhom u (ii) avviż li l-Kummissjoni kienet qiegħda tivvaluta jekk obbligi ta' żvelar addizzjonali ta' ċerta informazzjoni dwar it-taxxa korporattiva għandhomx jiġu introdotti.

Din il-proposta ma tipprekludix li l-Kummissjoni tiddeċiedi fil-futur li tipproponi li timponi obbligi ta' żvelar pubbliku fuq il-kumpaniji.

Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistema tat-Taxxa Korporattiva Ġusta (COM (2015) 302)

Din il-proposta hija konformi mal-inizjattivi mħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni sabiex jindirizzaw l-evitar tat-taxxa.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-proposta timmodifika d-Direttiva 2011/16/UE kif emendata bid-Direttiva 2014/107/UE[4] u bid-Direttiva tal-Kunsill tal-UE 2015/2376[5] billi tintroduċi rekwiżit speċifiku għall-AEOI dwar ir-rapportar pajjiż b'pajjiż.

Il-modifiki jinsabu fl-Artikolu 1 tal-proposta. B'mod partikolari:

L-Artikolu 3 (definizzjonijiet) huwa emendat.

L-Artikolu 8aa jitlob lill-Istati Membri li jobbligaw lill-Gruppi MNE sabiex jissottomettu l-informazzjoni rilevanti (ir-rapport ta' pajjiż b'pajjiż) u li jiskambjaw awtomatikament dik l-informazzjoni li tasal mal-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

[3] http://ec.europa.eu/priorities/work-programme/index_en.htm
[4] ĠU L 359 tas-16 ta' Diċembru 2014.
[5] ĠU L 332 tas-18 ta' Diċembru 2015.

L-Artikolu 20(6) jirreferi għall-formola standard li sejra tintuża għall-iskambju u l-Artikolu 21(7) jipprovdi għall-arranġamenti prattiċi.

Jiżdied l-Artikolu 25a ġdid dwar is-sanzjonijiet.

Jiżdied anness ġdid, li jinkludi d-definizzjonijiet applikabbli għall-proposta, l-obbligazzjonijiet għall-Gruppi MNE u l-mudelli għall-iskambju tal-informazzjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Is-suġġett ta' dawn il-modifiki għandu l-istess bażi legali bħad-Direttiva 2011/16/UE, jiġifieri l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li għandu l-għan li jiżgura t-tħaddim tajjeb tas-Suq Intern. L-Artikolu 115 TFUE jipprevedi għall-approssimazzjoni ta' tali liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jaffettwaw direttament l-istabbiliment jew it-tħaddim tas-suq intern u għalhekk l-approssimazzjoni tal-liġijiet hija meħtieġa.

Sabiex tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern, l-UE teħtieġ li tiżgura kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd bejn l-SME, u Gruppi MNE mhux tal-UE u tal-UE. Il-Gruppi MNE għandhom il-possibbiltà sabiex jinvolvu ruħhom fi prattiki tal-ippjanar tat-taxxa aggressiv minħabba l-attivitajiet transkonfinali tagħhom. Għal din ir-raġuni, l-MNEs kollha, kemm il-Gruppi tal-UE kif ukoll il-Gruppi mhux tal-UE, għandhom ikunu soġġetti għall-obbligazzjoni tar-rapportar. Mingħajr dan l-element, din l-inizjattiva tkun anqas effettiva fl-ilħuq tal-għan aħħari tal-iżgurar tal-funzjonament xieraq tas-Suq Intern.

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipji tas-Sussidjarjetà kif stabbiliti fl-Artikolu 5 paragrafu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant l-aċċess minn Stati Membri għar-rapportar pajjiż b'pajjiż jista' jsir b'mod effettiv permezz tal-azzjoni fil-livell tal-Unjoni. L-għan li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jirċievu rapportar pajjiż b'pajjiż ma jistax jintlaħaq biżżejjed permezz ta' azzjoni mhux koordinata mwettqa minn kull Stat Membru fuq livell individwali. Barraminhekk, l-iskambju ta' informazzjoni li potenzjalment jaffettwa l-bażijiet tat-taxxa ta' aktar minn Stat Membru wieħed jeħtieġ approċċ komuni u obbligatorju. Għandu jqis li peress li l-Gruppi MNE normalment joperaw fi Stati Membri differenti, l-element transkonfinali huwa inerenti fl-azzjoni proposta.

- **Proporzjonalità**

Il-problema speċifika identifikata bħala l-oġġett ta' rispons ta' politika hija n-nuqqas ta' trasparenza dwar strutturi korporattivi b'relevanza transkonfinali u livell importanti ta' attività, li għandha effetti negattivi, b'mod partikolari fuq il-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern. Ir-rispons tal-politika huwa limitat għall-indirizzar tal-Gruppi MNE li joperaw f'diversi Stati, kemm fi ħdan l-Unjoni Ewropea jew kif ukoll fi ħdan ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE. Għaldaqstant, il-proposta tirrappreżenta l-aktar tweġiba proporzjonata għall-problema identifikata. Hija wkoll ibbażata fuq l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bażika li tippermetti kull Stat Membru fejn topera l-kumpanija jirċievi l-informazzjoni. Konsegwentement l-emendi proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet rilevanti u, b'dak il-mod, jilħqu l-għanijiet tat-Trattat ta' funzjonament tajjeb u effettiv tas-Suq Intern.

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipji ta' proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5, paragrafu 4 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta preżenti sejra tespandi lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskambju Awtomatiku ta' Informazzjoni (AEOI) fl-UE. Inizjattiva tal-UE hija meħtieġa kemm mill-perspettiva tas-suq intern kif ukoll f'termini ta' effiċjenza u effikaċja:

– Inizjattiva tal-UE tiżgura approċċ koerenti, konsistenti u komprensiv madwar l-UE kollha għall-AEOI fis-suq intern. Dan ifisser approċċ waħdieni ta' rapportar madwar l-Istati Membri li jwassal għall-iffrankar tal-ispejjeż kemm għall-amministrazzjonijiet ta' taxxa kif ukoll għall-kumpaniji.

– Strument legali tal-UE jiżgura wkoll ċertezza għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-kumpaniji fl-UE.

– Strument legali tal-UE jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-istandard internazzjonali tal-AEOI dwar rapporti pajjiż b'pajjiż kif diskuss u maqbul fl-OECD.

– Strument legali tal-UE ibbażat fuq id-DAC jinvolvi l-użu ta' arranġamenti tal-IT diġà fis-seħħ jew taħt żvilupp sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar tal-informazzjoni taħt id-DAC. Taħt din id-Direttiva, l-Istati Membri tal-UE jaqsmu informazzjoni f'formats speċifiċi permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni speċifiku. Dawn il-formati faċilment jistgħu jiġu estiżi sabiex ikunu jistgħu jintużaw ukoll għall-elementi addizzjonali issa proposti għall-inklużjoni. Billi l-Istati Membri investew ħafna ħin u flus fl-iżvilupp ta' dawn il-formati, ikun hemm ekonomiji ta' skala jekk l-Istati Membri jiskambjaw ukoll informazzjoni dwar l-elementi l-ġodda permezz ta' dawn il-formati.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Konsultazzjonijiet fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa tar-Rakkomandazzjonijiet (COM (2012) 722) u fora oħra

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013,[6] il-Parlament Ewropew laqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u r-Rakkomandazzjonijiet tiegħu, ħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ikomplu bl-impenji tagħhom u jħaddnu l-Pjan ta' Azzjoni, u enfasizza li l-UE għandha tieħu rwol ewlieni fid-diskussjonijiet globali fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evitar tat-taxxa u r-rifuġji fiskali, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fis-17 ta' April 2013[7]. Il-Kumitat appoġġja l-pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni u appoġġja l-isforzi tagħha biex issib soluzzjonijiet prattiċi mmirati lejn it-tnaqqis tal-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa.

Tul is-snin reċenti, l-Istati Membri ħadmu fil-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta sabiex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni rigward id-deċiżjonijiet transkonfinali u fil-qasam tal-prezzar ta'

[6] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, u r-rifuġji fiskali (Rapport Kleva) – 2013/2060 (INI).

[7] L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' April 2013 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Pjan ta' azzjoni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa COM(2012) 722 finali (Rapport Dandea) — CESE 101/2013.

trasferiment. Il-konklużjonijiet tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ġew ikkomunikati lill-Kunsill fuq bażi regolari fil-forma ta' rapporti.[8]

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri huma membri tal-OECD u pparteċipaw f'diskussjonijiet twal u dettaljati, bejn l-2013 u l-2015, dwar l-Azzjonijiet kontra l-BEPS, inkluż dwar l-elaborazzjoni ta' teknikalitajiet. L-OECD organizzat konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet interessati fuq kull waħda mill-Azzjonijiet kontra l-BEPS. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddibattiet internament u mal-esperti tal-OECD dwar diversi suġġetti tal-BEPS, b'mod partikolari fejn il-Kummissjoni kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' ċerti ideat u/jew soluzzjonijiet proposti mal-liġi tal-UE.

Fit-tieni nofs tal-2014, il-Presidenza Taljana tal-Kunsill varat l-idea ta' "Pjan Direzzjonali UE-BEPS" u l-Presidenza ħeġġet l-konsistenza mal-inizjattivi paralleli tal-OECD fil-waqt li tiġi rispettata l-liġi. Dan l-approċċ kien approvat mill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-Tassazzjoni u segwit mill-Presidenzi sussegwenti. Id-diskussjonijiet dwar il-Pjan Direzzjonali għall-UE – BEPS komplew sal-2015. L-għan kien li jingħata kontribut lid-dibattitu tal-OECD u titwitta t-triq għal implimentazzjoni bla xkiel tar-Rakkomandazzjonijiet futuri tal-OECD, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċitajiet tal-UE.

Il-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar it-trasparenza fiskali tat lill-partijiet interessati l-possibilità li jikkumnentaw fuq l-aspetti differenti tat-trasparenza korporattiva, b'mod partikolari abbażi tar-rapportar pajjiż b'pajjiż. L-għażliet possibbli ppreżentati kienu jiffokaw prinċipalment fuq ir-rapportar pubbliku mill-intrapriżi iżda inkludew l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif meħtieġ mill-BEPS Azzjoni 13. Il-Kummissjoni rċeviet total ta' 422 reazzjon, li ħafna minnhom ipprovdew rispons utli dwar miżuri pubbliċi u mhux pubbliċi ta' trasparenza fiskali Fir-rigward tal-BEPS Azzjoni 13, minkejja li n-negozju ma kienx ħerqan li jiskambja tali informazzjoni, il-maġġoranza ta dawk li ħadu sehem kienu favur.

Stati Membri

Din id-Direttiva hija konformi mal-iżviluppi internazzjonali fil-livell tal-OECD u x-xogħol tagħha fuq il-BEPS fejn ħafna mill-Istati Membri jipparteċipaw. Il-Kummissjoni Ewropea kienet ukoll involuta b'mod qawwi u ġew ikkonsultati b'mod wiesgħa ġurisdizzjonijiet u partijiet interessati oħra.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Wara li r-rapport tagħha dwar Nindirizzaw l-Erożjoni tal-Bażi u Trasferiment tal-Profitt ġie ppubblikat kmieni fl-2013 u l-hekk imsejjaħ Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS ġie approvat mill-Mexxejja tal-G20 f'Settembru 2013, l-OECD bdiet taħdem b'mod intensiv fuq perjodu ta' sentejn li wassal għall-pubblikazzjoni ta' 13-il rapport f'Novembru 2015. Dawn ir-rapporti jistabbilixxu standards internazzjonali ġodda jew imsaħħa kif ukoll miżuri konkreti biex jgħinu lill-pajjiżi jindirizzaw ilBEPS. F'dan il-qafas, il-membri tal-OECD/G20 ntrabtu ma' dan il-pakkett komprensiv u l-implimentazzjoni konsistenti tiegħu.

Ħafna Stati Membri, fil-kapaċità bħala membri tal-OECD, f'xi oqsma, bdew jaħdmu b'mod urġenti dwar it-traspożizzjoni tal-output tal-proġett BEPS fil-liġijiet nazzjonali tagħhom. Meta wieħed jikkonsidra dan, huwa kritiku li jsir progress biex jintlaħaq qbil dwar ir-regoli għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet dwar il-BEPS fl-UE. Fid-dawl ta' riskju kbir ta' frammentazzjoni tas-suq intern li possibbilment tista' tirriżulta minn azzjonijiet

[8] Ir-rapporti pubbliċi mill-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) huma aċċessibbli hawnhekk..

unilaterali mhux ikkoordinati mill-Istati membri, f'din il-proposta l-Kummissjoni qiegħda tressaq soluzzjonijiet biex jinkisbu l-koerenza u ċerta grad ta' uniformità fl-implimentazzjoni tal-BEPS Azzjoni 13 fl-UE kollha.

Il-Kummissjoni għamlet kull sforz sabiex twieġeb fl-istess waqt kemm għall-urġenza biex taġixxi, kif ukoll għall-ħtieġa imperattiva li jiġi evitat li l-funzjonament tas-suq intern ikun kompromess jew b'miżuri unilaterali adottati mill-Istati Membri (sew jekk huma membri tal-OECD sew jekk le) li jaġixxu waħedhom jew b'nuqqas ta' azzjoni mill-Istati Membri l-oħra. Il-possibbiltà li tiġi proposta liġi mhux vinkolanti kien ikkunsidrat ukoll, iżda din l-għażla twarrbet bħala mhix adatta biex tiggarantixxi approċċ ikkoordinat.

Biex jingħataw analiżi u evidenza aġġornati, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD), li jakkumpanja l-proposta, jagħti ħarsa estensiva lix-xogħol akkademiku eżistenti u lill-evidenza ekonomika fil-qasam tal-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt. Dan huwa bbażat fuq studji reċenti, fost l-oħrajn, mill-OECD, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Parlament Ewropew. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jitfa' fokus fuq l-ixpruni u l-mekkaniżmi l-aktar komuni identifikati li, skont ir-rapporti tal-OECD, huma marbuta mal-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Huwa jiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet ta' analiżi fil-fond tal-mekkaniżmi ewlenin tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa abbażi ta' analiżi għal kull Stat Membru, kif imwettqa f'isem il-Kummissjoni fl-2015. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jiddeskrivi kif BEPS Azzjoni 13, permezz ta' din il-proposta, tikkumplimenta inizjattivi oħrajn maħsuba biex jimplimentaw l-eżiti tar-rapporti tal-OECD dwar il-BEPS fl-UE u jikkontribwixxi lejn livell minimu komuni ta' protezzjoni kontra l-evitar tat-taxxa.

F'dan l-isfond, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta għar-raġunijiet li ġejjin: hemm rabta mill-qrib mal-ħidma tal-OECD dwar il-BEPS, b'mod partikolari BEPS Azzjoni 13; id-dokument ta' ħidma tal-persunal jipprovdi ammont sostanzjali ta' evidenza u analiżi; il-partijiet interessati kienu involuti b'mod estensiv fil-konsultazzjonijiet dwar l-elementi tekniċi tar-regoli proposti fi stadju preċedenti; u, b'mod partikolari, hemm domanda attwali urġenti għal azzjoni koordinata fl-UE dwar din il-kwistjoni ta' prijorità politika internazzjonali.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt tal-proposta fuq il-baġit tal-UE huwa ppreżentat fid-dikjarazzjoni finanzjarja li takkumpanja l-proposta, u sejjer jiġi ssodisfat fi ħdan ir-riżorsi disponibbli. L-ispejjeż ta' għodod tal-IT addizzjonali sabiex tiġi faċilitata l-kommunikazzjoni tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri sejrin ikunu ffinanzjati mill-programm FISCALIS 2020 previst fir-Regolament (UE) 1286/2013 li jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet li jtejbu l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet tat-taxxa fl-UE.

2016/0010 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 113 u l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[9],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[10],

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) F'dawn l-aħħar snin, l-isfida ppreżentata mill-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa żdiedet konsiderevolment u saret punt fokali ta' tħassib fl-Unjoni u fuq il-livell globali. L-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni jikkostitwixxi għodda importanti f'dan ir-rigward u l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' Diċembru 2012 li fiha Pjan ta' azzjoni biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa enfasizzat il-ħtieġa li tippromwovi b'mod vigoruż l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni bħala l-istandard futur Ewropew u internazzjonali tat-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni fi kwistjonijiet tat-taxxa. Il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta’ Mejju 2013 talab l-estensjoni ta’ skambju ta’ informazzjoni awtomatiku fuq livelli globali u tal-Unjoni bil-ħsieb li jiġġieled il-frodi, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa .

(2) Peress li l-Gruppi Multinazzjonali ta’ Intrapriżi (MNE) huma attivi f'pajjiżi differenti, huma għandhom il-possibbiltà ta’ involviment fi prattiki ta’ ppjanar aggressiv tat-taxxa li mhumiex disponibbli għall-kumpaniji domestiċi. Meta l-MNEs jagħmlu hekk, il-kumpaniji purament domestiċi, normalment intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) jistgħu jkunu partikolarment affettwati peress li l-piż tat-taxxa tagħhom huwa ogħla minn dak tal-Gruppi MNE. Mill-banda l-oħra, l-Istati Membri kollha jistgħu jsofru minn telf ta’ dħul u hemm ir-riskju ta’ kompetizzjoni sabiex jattiraw il-Gruppi MNE billi jiġu offruti aktar benefiċċji tat-taxxa. Għalhekk hemm problema għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern.

(3) L-awtoritajiet tat-taxxa tal-Unjoni jeħtieġu informazzjoni komprensiva u rilevanti dwar il-Gruppi MNE fir-rigward l-istruttura, il-politika tal-prezzar ta' trasferiment tagħhom u t-tranżazzjonijiet interni ġewwa u barra l-UE. Dik l-informazzjoni sejra

[9] ĠU C , , p. .
[10] ĠU C , , p. .

tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa jirreaġixxu għal prattiki dannużi tat-taxxa permezz ta’ bidliet fil-leġiżlazzjoni jew valutazzjonijiet tar-riskju u verifiki tat-taxxa adegwati, u li jiġi identifikat jekk il-kumpaniji wettqux prattiki li għandhom l-effett li jaqilbu ammonti sostanzjali ta’ dħul f’ambjenti b’vantaġġi tat-taxxa.

(4) Aktar trasparenza quddiem l-awtoritajiet tat-taxxa jista’ jkollha l-effett li tagħti inċentiv lill-Gruppi MNE sabiex jabbandunaw ċerti prattiki u jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta’ taxxa fil-pajjiż fejn isiru l-profitti. It-tisħiħ tat-trasparenza għall-Gruppi MNE huwa għalhekk parti essenzjali mill-ġlieda kontra l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt.

(5) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri dwar kodiċi ta’ kondotta dwar id-dokumentazzjoni dwar il-prezzar ta' trasferiment għall-intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea (TPD UE) diġà tipprovdi lill-Gruppi MNE fl-UE b’metodu sabiex jipprovdu lill-awtoritajiet tat-taxxa b’informazzjoni dwar operazzjonijiet globali tan-negozju u l-politiki dwar il-prezzar ta' trasferiment (fajl ewlieni) u informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet konkreti tal-entità lokali (fajl lokali). Madankollu, fil-preżent it-TPD UE ma tipprovdi ebda mekkaniżmu għall-provvediment ta’ rapport pajjiż b’pajjiż.

(6) Fir-rapport pajjiż b’pajjiż, il-Gruppi MNE għandhom jipprovdu annwalment u għal kull ġurisidizzjoni tat-taxxa li fiha jagħmlu negozju l-ammont ta’ dħul, il-profitt qabel it-taxxa fuq l-introjtu u t-taxxa fuq l-introjtu mħallsa u akkumulata. Il-Gruppi MNE għandhom jirrapportaw ukoll in-numru ta’ impjegati tagħhom, il-kapital iddikjarat, il-qligħ imfaddal u l-assi tanġibbli f’kull ġurisidizzjoni tat-taxxa. Fl-aħħar nett, il-Gruppi MNE għandhom jidentifikaw kull entità fi ħdan il-grupp li tagħmel kummerċ f'ġurisidizzjoni tat-taxxa partikolari u għandhom jipprovdu indikazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali li kull entità tkun involuta fihom.

(7) Sabiex jitjieb l-użu effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Gruppi MNE, l-obbligu ta' rapportar għandu japplika biss għall-Gruppi MNE bi dħul annwali konsolidat tal-grupp li jaqbeż ċertu ammont. Id-Direttiva għandha tiżgura li l-istess informazzjoni tinġabar u tkun disponibbli għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa b'mod f'waqtu fl-UE kollha.

(8) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern, l-UE għandha tipprovdi għal kompetizzjoni ġusta bejn il-Gruppi MNE u l-Gruppi MNE mhux tal-UE għal liema waħda jew bosta mill-entitajiet tagħhom jinsabu fl-UE. Għaldaqstant it-tnejn li huma għandhom ikunu soġġetti għall-obbligazzjoni tar-rapportar.

(9) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jiżguraw li dawn il-penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u li dawn jiġu implimentati.

(10) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati Membri jadottaw regoli kkoordinati dwar l-obbligazzjonijiet ta' trasparenza tal-Gruppi MNE.

(11) Fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE diġà tipprovdi għall-iskambju awtomatiku obbligatorju tal-informazzjoni f'numru ta’ oqsma. Il-kamp ta’ applikazzjoni tagħha għandu jitwessa’ sabiex tipprovdi għall-iskambju awtomatiku obbligatorju tar-rapporti pajjiż b’pajjiż bejn l-Istati Membri.

(12) L-iskambju awtomatiku obbligatorju tar-rapporti pajjiż b'pajjiż bejn l-Istati Membri għandu f'kull każ jinkludi l-komunikazzjoni ta' sett definit ta' informazzjoni bażika li tkun aċċessibbli għal dawk l-Istati Membri li fihom, fuq il-bażi tal-informazzjoni fir-rapport pajjiż b'pajjiż, entità waħda jew aktar tal-Grupp MNE huma jew residenti għal skopijiet ta' taxxa, jew huma soġġetti għat-taxxa fir-rigward tal-kummerċ imwettaq permezz ta' stabbiliment permanenti ta' Grupp MNE.

(13) Sabiex jiġu minimizzati l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-Gruppi MNE, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti regoli li huma konformi mal-iżviluppi internazzjonali u li jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-implimentazzjoni tagħhom. Fid-19 ta' Lulju 2013 l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) ippubblikat Pjan ta' Azzjoni dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt (Pjan ta' Azzjoni BEPS) li huwa inizjattiva ewlenija għall-modifika tar-regoli tat-taxxa internazzjonali eżistenti. Fil-5 ta' Ottubru 2015 l-OECD ippreżentat ir-rapporti finali tagħha li kienu approvati mill-Ministri tal-Finanzi tal-G20. Matul il-laqgħa tal-15 u 16 ta' Novembru 2015, il-pakkett tal-OECD ġie approvat ukoll mill-mexxejja tal-G20.

(14) Il-ħidma fuq l-Azzjoni 13 tal-Pjan ta' Azzjoni BEPS wasslet għal sett ta' standards għall-għoti ta' informazzjoni għall-Gruppi MNE, inkluż il-fajl ewlieni, il-fajl lokali u r-rapport pajjiż b'pajjiż. Huwa għalhekk xieraq li jitqiesu l-istandards tal-OECD meta jiġu stabbiliti r-regoli dwar ir-rapport pajjiż b'pajjiż.

(15) L-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tar-rapportar pajjiż b'pajjiż għandha tkompli tqis b'mod partikolari l-iżviluppi futuri fil-livell tal-OECD. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jużaw ir-Rapport Finali tal-2015 dwar l-Azzjoni 13 tal-Proġett tal-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitt OECD/G20, żviluppat mill-OECD, bħala sors ta' illustrazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' din id-Direttiva u sabiex tiġi żgurata konsistenza fl-applikazzjoni fl-Istati Membri.

(16) Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati r-rekwiżiti lingwistiċi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-rapportar pajjiż b'pajjiż. Huwa wkoll meħtieġ li jiġu adottati l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għat-titjib tan-netwerk NKK. Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 20(6) u 21(7), il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(17) Sabiex jitjieb l-użu effiċjenti tar-riżorsi, jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u tkun evitata l-ħtieġa għal kull Stat Membru li jsiru aġġustamenti simili fis-sistemi tagħhom l-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir permezz tan-netwerk komuni ta' komunikazzjoni (NKK) żviluppat mill-Unjoni. L-arranġamenti prattiċi meħtieġa għat-titjib tas-sistema għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2011/16/UE.

(18) Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' skambju obbligatorju ta' informazzjoni għandu għalhekk jiġi estiż biex jinkludi skambju awtomatiku ta' informazzjoni tar-rapport pajjiż b'pajjiż.

(19) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(20) Ladarba l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kooperazzjoni amministrattiva effiċjenti bejn l-Istati Membri taħt kundizzjonijiet kumpatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk,

minħabba l-uniformità u l-effikaċja meħtieġa, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F’konformità mal-prinċipju ta’ proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.

(21) Għalhekk, id-Direttiva 2011/16/UE għandha tiġi emendata kif xieraq.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2011/16/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 9 huwa sostitwit b’dan li ġej

9. “skambju awtomatiku” tfisser,

(a) għall-finijiet tal-Artikolu 8(1) u l-Artikoli 8a u 8aa, il-komunikazzjoni sistematika ta’ informazzjoni definita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel, f’intervalli regolari stabbiliti minn qabel; għall-finijiet tal-Artikolu 8(1), b’referenza għall-informazzjoni disponibbli relatata mal-informazzjoni fil-fajls tat-taxxa tal-Istat Membru li jikkomunika l-informazzjoni, li tista’ tiġi rkuprata f’konformità mal-proċeduri dwar il-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni f’dak l-Istat Membru.

(b) għall-finijiet tal-Artikolu 8(3a), il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel dwar residenti fi Stati Membri oħrajn lill-Istat Membru rilevanti ta' residenza mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel.

(c) għall-finijiet ta' din id-Direttiva minbarra l-Artikolu 8(1) u 8(3a), l-Artikolu 8a u l-Artikolu 8aa, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel ipprovduta fil-punti (a) u (b) ta' dan il-punt.”

(b) jidied it-tieni paragrafu li ġej:

Fil-kuntest tal-Artikoli 8(3a), 8(7a), 21(2) u 25(2) u (3), kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollha t-tifsira li għandu taħt id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness I. Fil-kuntest tal-Artikolu 8aa u l-Anness III, kwalunkwe frażi kapitalizzata għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness III.”

(2) jiddaħħal fit-Taqsima II tal-Kapitolu II, l-Artikolu 8aa li ġej:

"L-Artikolu 8aa

Kamp ta’ applikazzjoni u kundizzjonijiet għall-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni dwar ir-rapport pajjiż b’pajjiż

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrikjedi li l-Entità Prinċipali Finali ta' Grupp MNE li huwa residenti għall-finijiet tat-taxxa fit-territorju tiegħu, jew kwalunkwe Entità ta' Rapportar oħra skont it-Taqsima II tal-Anness III, tippreżenta rapport pajjiż b'pajjiż fir-rigward tas-Sena Fiskali ta' Rapportar tiegħu fi

żmien 12-il xahar wara l-aħħar jum tas-Sena Fiskali ta' Rapportar tal-Grupp MNE skont it-Taqsima II tal-Anness III.

2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru fejn ir-Rapport Pajjiż b'Pajjiż ġie riċevut skont il-paragrafu 1 għandha, permezz ta' skambju awtomatiku, tikkomunika r-rapport lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li fih, fuq il-bażi tal-informazzjoni fir-rapport pajjiż b'pajjiż, Entità Kostitwenti waħda jew aktar tal-Grupp MNE tal-Entità ta' Rapportar huma jew residenti għal skopijiet ta' taxxa, jew huma soġġetti għat-taxxa fir-rigward tal-kummerċ imwettaq permezz ta' stabbiliment permanenti sal-iskadenza stipulata fil-paragrafu 4.

3. Ir-rapport pajjiż b'pajjiż għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-Grupp MNE:

(a) informazzjoni aggregata dwar l-ammont ta' dħul, profitt (telf) qabel it-taxxa fuq l-introjtu, it-taxxa fuq l-introjtu mħallsa, it-taxxa fuq l-introjtu akkumulata, il-kapital iddikjarat, il-qligħ akkumulat, in-numru ta' impjegati, u l-assi tanġibbli minbarra l-flus jew ekwivalenti ta' flus fir-rigward ta' kull ġurisdizzjoni li fih jopera l-Grupp MNE;

(b) identifikazzjoni ta' kull Entità Kostitwenti tal-Grupp MNE li tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa tat-tali Entità Kostitwenti, u meta tkun differenti minn din il-ġurisdizzjoni tar-residenza tat-taxxa, il-ġurisdizzjoni skont il-liġijiet taħt liema hija organizzata dik l-Entità Kostitwenti, u n-natura tal-attività prinċipali tal-kummerċ jew attivitajiet ta' dik l-Entità Kostitwenti.

4. Il-komunikazzjoni għandha ssir fi żmien 15-il xahar wara l-aħħar jum tas-sena fiskali tal-Grupp MNE li huwa relatat magħha r-rapport pajjiż b'pajjiż. L-ewwel rapport pajjiż b'pajjiż għandu jiġi kkomunikat għas-sena fiskali tal-Grupp MNE li tibda' mill-1 ta' Jannar 2016 jew wara.

5. L-Artikolu 17(4) ma għandux japplika għall-informazzjoni skambjata skont il-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu.";

(3) Fl-Artikolu 20, għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

6. L-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar ir-rapport pajjiż b'pajjiż skont l-Artikolu 8aa għandu jsir permezz tal-formola standard prevista fit-Tabelli 1, 2 u 3 tat-Taqsima III tal-Anness III. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-arranġamenti lingwistiċi għal dak l-iskambju sal-31 ta' Diċembru 2016. Dawn ma għandhomx jipprekludu lill-Istati Membri milli jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8aa fi kwalunkwe lingwa uffiċjali u ta' ħidma tal-Unjoni. Madankollu, dawn l-arranġamenti lingwistiċi jistgħu jipprovdu li l-elementi ewlenin ta' din l-informazzjoni tintbagħat ukoll f'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(2).";

(4) Fl-Artikolu 21, għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni komunikata skont l-Artikolu 8aa(2) permezz ta' mezzi elettroniċi bl-użu tan-netwerk NKK. Il-Kummissjoni għandha, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-arranġamenti prattiċi neċessarji għat-

titjib tan-netwerk NKK. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(2).";

(5) Fl-Artikolu 23, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni valutazzjoni annwali dwar l-effettività tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 8, l-Artikolu 8a u 8aa kif ukoll ir-riżultati prattiċi milħuqa. Il-Kummissjoni għandha, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-forma u l-kundizzjonijiet ta' kommunikazzjoni ta' dik il-valutazzjoni annwali. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(2).";

(6) l-Artikolu 25a li ġej huwa mdaħħal:

"Artikolu 25a

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u dwar l-Artikolu 8aa, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswasivi. L-Istati Membri għandhom sal-31 ta' Diċembru 2016 jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn ir-regoli u dawn il-miżuri u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.";

(7) L-Artikolu 26 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 26

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar il-koperazzjoni amministrattiva għat-tassazzjoni. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[(*)].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.)";

(8) Jidied l-Anness III, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi

meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2017.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Bażi għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i affettwat/a

3.2. Impatt stmat fuq l-infiq

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-infiq

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE

dwar dak li għandu x'jaqsam mal-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

1.2. Qasam/oqsma ta’ politika kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB[11]

14

14.03

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva hi relatata ma' **a azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hi relatata ma' **azzjoni ġdida skont proġett pilota/azzjoni preparatorja**[12]

☐ Il-proposta/inizjattiva hi relatata mal-**estensjoni ta’ azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hi relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva

Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2015 jelenka fost il-prijoritajiet tiegħu Approċċ Aktar Ġust lejn it-Tassazzjoni. B'segwitu ta' dan, qasam wieħed ewlieni għall-azzjoni fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2016 huwa li jtejjeb it-trasparenza tas-sistema tat-taxxa korporattiva.

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

<u>Għan speċifiku</u>

L-għan speċifiku tal-programm FISCALIS huwa li jappoġġja l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni billi jiżgura l-iskambju ta' informazzjoni, billi jappoġġja l-kooperazzjoni amministrattiva u fejn hemm bżonn, billi jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi parteċipanti bil-għan li dan jgħin fit-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet tat-taxxa u l-ispejjeż tal-konformità għall-kontribwenti

<u>Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i</u>

ABB 3

[11] ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[12] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat/i u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/l-inizjattiva fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

L-ewwel nett, l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn Stati Membri dwar ir-rapportar pajjiż b'pajjiż sejjer ifisser li l-Istati Membri sejrin ikunu jistgħu jivvalutaw sewwa jekk gruppi multinazzjonali jinvolvux ruħhom fi pjanar aggressiv tat-taxxa u sejrin ikunu jistgħu jirreaġixxu kif xieraq.

It-tieni nett, il-fatt li hemm aktar trasparenza għandu joħloq inċentiv akbar sabiex jiġi żgurat li l-kompetizzjoni tat-taxxa ssir aktar ġusta. L-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni fir-rapporti pajjiż b'pajjiż jista' wkoll jiskoraġġixxi kumpaniji mill-ippjanar aggressiv tat-taxxa, minħabba li l-Istati Membri issa sejjer ikollhom l-informazzjoni meħtieġa sabiex jikxfu u jirreaġixxu għall-arranġamenti artifiċjali u t-trasferiment tal-profitt.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

Il-proposta sejra tkun irregolata mir-rekwiżiti fid-Direttiva li qiegħda temenda (jiġifieri d-Direttiva 2011/16) biex fuq bażi annwali l-Istati Membri jipprovdu evalwazzjoni tal-effikaċja tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni.

1.5. Bażi għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit/i li jridu jiġu ssodisfati fit-terminu medju jew fit-tul*

Din il-proposta titlob lill-Istati Membri, ladarba jkunu rċevew ir-rapport pajjiż b'pajjiż, li jaqsmu l-informazzjoni mal-Istati Membri li fihom, fuq il-bażi tal-informazzjoni fir-rapport, il-kumpaniji tal-Grupp MNE huma jew residenti għal skopijiet ta' taxxa, jew huma soġġetti għat-taxxa fir-rigward tal-kummerċ imwettaq permezz ta' stabbiliment permanenti.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Inizjattiva tal-UE tiżgura approċċ koerenti, konsistenti u komprensiv madwar l-UE kollha għall-AEOI fis-suq intern. Dan ifisser approċċ waħdieni ta’ rapportar madwar l-Istati Membri li jwassal għall-iffrankar tal-ispejjeż kemm għall-amministrazzjonijiet ta’ taxxa kif ukoll għall-kumpaniji.

Strument legali tal-UE jiżgura wkoll ċertezza għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-kumpaniji fl-UE, jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-istandard internazzjonali tal-AEOI dwar ir-rapportar pajjiż b'pajjiż kif diskuss u maqbul fl-OECD u jinvolvi l-użu tal-arranġamenti tal-IT diġà fis-seħħ jew li qegħdin jiġu żviluppati sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar tal-informazzjoni taħt id-DAC. Taħt din id-Direttiva, l-Istati Membri tal-UE jaqsmu informazzjoni f’formats speċifiċi permezz ta’ mezz ta’ komunikazzjoni speċifiku. Dawn il-formati faċilment jistgħu jiġu estiżi sabiex ikunu jistgħu jintużaw ukoll għall-elementi addizzjonali issa proposti għall-inklużjoni. Billi l-Istati Membri investew ħafna ħin u flus fl-iżvilupp ta' dawn il-formati, ikun hemm ekonomiji ta' skala jekk l-Istati Membri jiskambjaw ukoll informazzjoni dwar l-elementi l-ġodda permezz ta' dawn il-formati.

1.5.3. *Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

L-iskambju awtomatiku ta’ informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa li japplika f’oqsma tat-taxxa oħrajn, bħad-dħul mit-tfaddil, wassal għal riżultati tajbin. L-iskambju awtomatiku issa huwa aċċettat fuq livell globali bħala l-aħjar għodda

disponibbli għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa sabiex jindirizzaw l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

1.5.4. *Sinerġija possibbli u kompatibbiltà ma' strumenti xierqa oħra*

Peress li l-proposta hija maħsuba biex temenda d-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (2011/16), il-proċeduri, l-arranġamenti u l-għodod tal-IT li diġà huma stabbiliti jew li qegħdin jiġu żviluppati skont dik id-Direttiva sejrin ikunu disponibbli biex jintużaw għall-finijiet ta' din il-proposta.

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva **b'tul taż-żmien limitat**

– ☐☐Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sal-[JJ/XX]SSSS

– ☐☐Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ Proposta/inizjattiva b'tul taż-żmien mhux limitat **unlimited duration**

– Implimentazzjoni b'perjodu għat-tnedija minn SSSS sa SSSS,

– Il-proposta tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2017.

– wara tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[13]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mis-servizzi tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni; il-programm Fiscalis tal-2020 hu ġestit b'mod dirett.

– ☐ ☐mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Mhuwa sejjer jinbidel xejn skont din il-proposta f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni. Skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/16, il-Kummissjoni, fil-komitoloġija flimkien mal-Istati Membri, tiżviluppa l-formats għall-iskambju ta' informazzjoni. F'dak li għandu x'jaqsam man-netwerk NKK li hemm bżonn biex isir l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni hija responsabbli għal kull żvilupp tan-netwerk NKK li hemm bżonn biex isir l-iskambju ta' dik l-informazzjoni filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għal kull

[13] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit elettroniku BudgWeb http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

żvilupp tas-sistemi tagħhom li hemm bżonn biex l-informazzjoni tiġi skambjata permezz tan-netwerk NKK.

2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Skont il-programm FISCALIS, il-monitoraġġ u r-rapportar huma ttrattati kif ġej:

L-attivitajiet preparatorji meħtieġa għal din l-inizjattiva u azzjonijiet konġunti oħra u attivitajiet ta' taħriġ komuni huma ssorveljati regolarment permezz tal-kontribut miġbur mill-parteċipanti u l-amministraturi ta' azzjoni. Il-kontributi jinġabru permezz ta’ formoli standardizzati u flussi li jinstabu fl-indikaturi stabbiliti fil-qafas ta' kejl tal-prestazzjoni tal-programm FISCALIS 2020 (PMF). Infiq ieħor relatat mal-iskambju tal-informazzjoni huwa ssorveljat skont il-mekkaniżmu deskritt taħt sezzjoni 1.4.4 u kkonsolidat ukoll taħt il-PMF.

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Ir-riskji potenzjali għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva bl-appoġġ ta' Fiscalis 2020 huma relatati ma’:

L-implimentazzjoni tal-ftehim ta’ għotja ffirmat mal-konsorzju tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Kandidati.

L-implimentazzjoni tal-kuntratti ta’ akkwist konklużi skont il-programm.

2.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna s-sistema stabbilita ta’ kontroll intern

L-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll intern huwa l-istess bħall-programm Fiscalis 2020, li sejjer ikun qiegħed ikopri l-infiq operazzjonali kollu tal-inizjattiva.

L-elementi ewlenin tal-istrateġija ta’ kontroll applikata huma:

Għall-kuntratti ta’ akkwist:

L-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ kontroll għal akkwist definiti fir-Regolament Finanzjarju. Kull kuntratt ta’ akkwist jiġi stabbilit wara l-proċedura stabbilita ta’ verifika mis-servizzi tal-Kummissjoni għal ħlas, b’kunsiderazzjoni tal-obbligi kuntrattwali u l-ġestjoni finanzjarja u ġenerali soda. Miżuri kontra l-frodi (kontrolli, rapporti, eċċ) huma previsti fil-kuntratti kollha konklużi bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji. It-termini dettaljati ta’ referenza jiġu abbozzati u jiffurmaw il-bażi ta’ kull kuntratt speċifiku. Il-proċess ta’ aċċettazzjoni jsegwi b’mod rigoruż il-metodoloġija TAXUD TEMPO: ir-riżultati jiġu riveduti, jekk ikun meħtieġ emendati u finalment aċċettati (jew miċħuda) b’mod espliċitu). Ma tista’ titħallas l-ebda fattura mingħajr “ittra ta’ aċċettazzjoni”.

Verifika teknika għal akkwist

Id-DĠ TAXUD iwettaq kontrolli fuq ir-riżultati u jissorvelja l-operat u s-servizzi mwettqa mill-kuntratturi. Iwettaq ukoll verifiki tal-kwalità u s-sigurtà tal-kuntratturi tagħhom fuq bażi regolari. L-awditi tal-kwalità jivverifikaw il-konformità tal-proċessi effettivi tal-kuntratturi mar-regoli u l-proċeduri ddefiniti fil-pjanijiet ta’ kwalità tagħhom. L-awditi tas-sigurtà jiffukaw fuq il-proċessi speċifiċi, il-proċeduri u l-istabbiliment.

Minbarra l-kontrolli ta’ hawn fuq, id-DĠ TAXUD iwettaq il-kontrolli finanzjarji tradizzjonali:

Verifiki ex-ante tal-impenji:

L-impenji kollha fid-DĠ TAXUD jiġu verifikati mill-kap tal-Unità tal-HR u l-Finanzi. B'riżultat ta' dan, 100% tal-ammonti impenjati jiġu koperti mill-verifika ex-ante. Il-proċedura tagħti livell għoli ta' garanzija dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

Verifika ex-ante tal-pagamenti:

100% tal-pagamenti huwa verifikati ex-ante. Barra minn hekk, tal-inqas pagament wieħed (mill-kategoriji kollha ta' nfiq) kull ġimgħa jintgħażel b'mod każwali għal verifika ex-ante mwettqa mill-kap tal-Unità tal-HR u tal-Finanzi. Ma hemm l-ebda mira għal dak li jirrigwarda l-kopertura, billi l-għan ta' din il-verifika huwa l-iċċekkjar "każwali" tal-pagamenti sabiex jiġi verifikat li l-pagamenti kollha jkunu preparati f'konformità mar-rekwiżiti. Il-pagamenti li jifdal jiġu pproċessati skont ir-regoli fis-seħħ fuq bażi ta' kuljum.

Dikjarazzjonijiet tal-AOSD:

L-Uffiċjali ta' Awtorizzazzjoni b'Sottodelegazzjoni kollha jiffirmaw dikjarazzjonijiet li jappoġġjaw ir-Rapport tal-Attività Annwali għas-sena kkonċernata. Dawn id-dikjarazzjonijiet ikopru l-operazzjonijiet skont il-programm. L-AOSD jiddikjaraw li l-operazzjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-baġit ikunu twettqu skont il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda, li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti jkunu pprovdew garanzija sodisfaċenti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u li r-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet ikunu ġew identifikati tajjeb, u rrapportati u li l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni jkunu ġew implimentati.

2.2.3. *Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta' żball*

Il-kontrolli stabbiliti jippermettu li d-DĠ TAXUD ikollu garanzija biżżejjed tal-kwalità u tar-regolarità tal-infiq u jnaqqsu r-riskji ta' nonkonformità. Il-miżuri tal-istrateġija ta' kontroll ta' hawn fuq inaqqsu r-riskji potenzjali taħt il-mira ta' 2% u jilħqu l-benefiċjarji kollha. Kwalunkwe miżura addizzjonali għal aktar tnaqqis tar-riskju jirriżulta fi spejjeż għolja sproporzjonati u għaldaqstant mhijiex prevista.

L-ispejjeż ġenerali involuti sabiex tiġi implimentata l-istrateġija ta' kontroll ta' hawn fuq - għall-infiq kollu skont il-programm Fiscalis 2020 - huma limitati għal 1.6% tat-total tal-ħlasijiet magħmula. Dan il-proporzjon mhuwiex mistenni li jinbidel għal din l-inizjattiva.

Huwa kkunsidrat li l-programm tal-istrateġija ta' kontroll b'mod effiċjenti jillimita r-riskju ta' nonkonformità għal prattikament żero u huwa wkoll proporzjonat mar-riskji involuti.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri eżistenti jew ippjanati ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, fosthom verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 (2) bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi tip ta' attività irregolari oħra li

tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt li jkun jikkonċerna finanzjament skont dan ir-Regolament.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i affettwat/a

- Il-linji baġitarji eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nfiq	Kontribuzzjoni			
	Numru 1A Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi	Diff./Mhux diff.[14].	mill-pajjiżi tal-EFTA[15]	mill-pajjiżi kandidati[16]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	14.0301 (It-titjib tat-tħaddim tajjeb tas-sistemi ta' tassazzjoni)	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi u l-linji baġitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nfiq	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura…………………………………… …]	Diff./Mhux diff..	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

14 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
15 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
16 Pajjiżi kandidati u, meta dan ikun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq l-infiq

[Din it-taqsima għandha timtela bl-użu ta' **spreadsheet dwar id-dejta tal-baġit ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness għal din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u mtella' fuq is-CISNET għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-infiq

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	1 A għall-kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi

DĠ: TAXUD			Sena 2016[17]	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	**2020**			**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Numru tal-linja baġitarja 14.0301	Impenji	(1)	0.300	0.300	0.300	0.050	0.050			1000
	Pagamenti	(2)	0	0.300	0.300	0.300	0.050	0.050		1000
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
	Pagamenti	(2 a)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[18]			p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
Numru tal-linja baġitarja		(3)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
TOTAL ta' approprjazzjonijiet għad-DĠ TAXUD	Impenji	=1+1a +3	0.300	0.300	0.300	0.050	0.050			1000
	Pagamenti	=2+2a +3	0	0.300	0.300	0.300	0.050	0.050		1000

17 Is-sena 2016 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

18 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nfiq li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0.300	0.300	0.300	0.050	0.050			1000
	Pagamenti	(5)	0	0.300	0.300	0.300	0.050	0.050		1000
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1A tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.300	0.300	0.300	0.050	0.050			1000
	Pagamenti	=5+ 6	0	0.300	0.300	0.300	0.050	0.050		1000

<u>Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta / inizjattiva:</u>

•TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
	Pagamenti	(5)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	
	Pagamenti	=5+ 6	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		Sena **2016**	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Is-sena **2020**			**TOTAL**
DĠ: TAXUD									
• Riżorsi umani		0.528	0.528	0.528	0.528	0.528			2.640
• Infiq amministrattiv ieħor		0.030	0.030	0.030	0.030	0.030			0.150
għad-DĠ TAXUD	Approprjazzjonijiet	0.558	0.558	0.558	0.558	0.558			

TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0.558	0.558	0.558	0.558	0.558			**2.790**

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		Sena **2016**[19]	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Is-sena 2020			**TOTAL**
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.858	0.858	0.858	0.608	0.608			3.790
	Pagamenti	0.558	0.858	0.858	0.858	0.608	0.50		3.790

19 Is-sena 2016 hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-eżiti ⇩			Sena **2016**		Sena **2017**		Sena **2018**		Sena **2019**		2020						**TOTAL**	
	TA’ EŻITI																	
	Tip[20]	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1[21]…																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

[20] Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu forniti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

[21] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi…”

NOTA

Ir-riżultat pożittiv antiċipat ta' din il-proposta huwa li i) l-Istati Membri ser jirċievu informazzjoni dwar entitajiet li sejra tpoġġihom f'pożizzjoni infurmata sabiex jimmiraqw verifiki fiskali; ii) il-pubbliku ġenerali jista' jqis il-miżura bħala pass attiv biex ikun żgurat li l-kontribwenti kollha jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxi; iii) il-kumpaniji jistgħu jillimitaw l-istrutturi tagħhom ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Filwaqt li l-Istati Membri li ser ikollhom piż amministrattiv akbar direttament marbut mal-għoti ta' informazzjoni dwar ir-rapporti pajjiż b'pajjiż, dawn l-ispejjeż huma mistennija li jkunu limitati meta wieħed il-fatt iqis li r-rapporti jiġu ppreparati mill-entitajiet.

3.2.3. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

	Sena **N** [22]	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0.528	0.528	0.528	0.528	0.528			
Infiq amministrattiv ieħor	0.030	0.030	0.030	0.030	0.030			
Subtotal għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.558	0.558	0.558	0.558	0.558			

barra mill-INTESTATURA 5[23] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**								
Riżorsi umani								
Infiq ieħor ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

22 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

23 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nfiq li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

TOTAL	0.558	0.558	0.558	0.558	0.558			

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva sejrin jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

3.2.3.2. Stima tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva ma titlobx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva titlob l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid titniżżel f'unitajiet ekwivalenti għall-full time

		Sena **2016**	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	2020		
• Postijiet tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		4	4	4	4	4		
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	.
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	.
10 01 05 01 (Riċerka diretta)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti ta' ingaġġ Full-Time: FTE)[24]								
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"finanzjament globali")		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	
XX 01 04 **ss** [25]	- fil-Kwartieri Ġenerali	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.
	- fid-Delegazzjonijiet	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	.	
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.		m.

24 AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet.

25 Sublimitu għall-persunal estern kopert bl-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li qabel kienu linji "BA").

					m.		
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		
Linji baġitarji oħra (speċifika)	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.		
TOTAL	4	4	4	4	4		

XX huwa l-qasam ta’ politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejrin jintlaħqu mill-impjegati tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Preparazzjoni ta' laqgħat u korrispondenza mal-Istati Membri; (jiddependi fuq id-diskussjonijiet mal-Istati Membri) ħidma fuq il-formoli, il-formats tal-IT u d-direttorju ċentrali; l-ikkummissjonar ta’ kuntratturi esterni biex isir xogħol fuq is-sistema tal-IT
Persunal estern	Mhux applikabbli

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva sejra titlob programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega dak li hemm bżonn, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

– Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament minn partijiet terzi.

– ~~Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt~~:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ ☒Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ ☐Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ ☐fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ ☐fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

L-intestatura tad-dħul baġitarju:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[26]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin daqskemm ikun meħtieġ sabiex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu ………….								

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika liema linja/linji baġitarja/baġitarji tal-infiq ġew affettwati.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[26] Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25% għal kostijiet ta' ġbir.